



Dokument ta' sessjoni

A8-0281/2017

5.9.2017

RAPPORT

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 li jakkumpanja l-proposta li jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Italja
(00000/2017 – C8-0000.2017 – 2017/2109(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Jens Geier

WERREJ

| | Pàġna |
|---|--------------|
| MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW..... | 3 |
| ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI..... | 6 |
| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI | 8 |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..... | 9 |

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 li jakkumpanja l-proposta li jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Italja (00000/2017 – C8-0000.2017 – 2017/2109(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002¹ u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017, kif adottat b'mod definittiv fis-7 ta' Diċembru 2016²,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020³ (ir-Regolament QFP),
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba⁴,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea⁵,
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017, adottat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Ġunju 2017 (COM(2017)0541),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017, adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2017 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew dakinhar stess (11813/2017 – C8-0304/2017),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 88 u 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0281/2017),

¹ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

² ĠU L 51, 28.2.2017.

³ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

⁴ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

⁵ ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.

- A. billi l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017 jitratta l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) għal ammont ta' EUR 1 196 797 579 fir-rigward tat-terremoti li seħħew fl-Italja bejn Awwissu 2016 u Jannar 2017 fir-reġjuni tal-Abruzzo, il-Lazio, il-Marche u l-Umbria,
- B. billi l-ammont ta' EUR 30 000 000 diġà tħallsu f'dan il-każ ta' FSUE permezz ta' ħlas bil-quddiem mill-Baġit tal-Unjoni għall-2016,
- C. billi dik il-mobilizzazzjoni kienet tirrappreżenta l-akbar mobilizzazzjoni tal-FSUE li qatt saret;
- D. billi l-għan tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017 huwa li jdaħħal formalment dan l-aġġustament baġitarju korrispondenti tiegħu fil-baġit tal-Unjoni għall-2017,
- E. billi bħala konsegwenza l-Kummissjoni qed tipproponi li temenda l-baġit 2017 u żżid l-Artikolu 13 06 01 "Għajnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali kbir b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija" b'EUR 1 166 797 579 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn u kemm f'approprjazzjonijiet ta' pagament;
- F. billi, filwaqt li l-ammont totali disponibbli għall-mobilizzazzjoni tal-FSUE f'dan l-istadju tas-sena hu ta' EUR 293 971 080 inqas mill-ammont propost, il-Kummissjoni tipproponi li tkopri din id-differenza mill-ammont annwali disponibbli fl-2018, bi qbil mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar il-QFP; billi din il-possibbiltà qatt ma ntużat qabel,
- G. billi l-FSUE kif definit fir-Regolament dwar il-QFP huwa strument speċjali u l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament korrispondenti għandhom ikunu bbaġitjati lil hinn mil-limiti massimi tal-QFP,
- H. billi l-Kummissjoni qed tipproponi r-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament meħtieġa fi ħdan il-baġit tal-Unjoni għall-2017, u li tirriforni r-riżerva negattiva maħluqa mill-Baġit Emendatorju Nru 1/2017 (EUR 70 402 434) mil-linji baġitarji għall-programmi tal-fondi strutturali għall-2007-2013,
 - 1. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi rilaxxata assistenza finanzjarja mill-FSUE għar-reġjuni milquta minn diżastri naturali; jinnota li l-ħolqien ta' sinerġiji bejn l-istrumenti kollha tal-Unjoni disponibbli huwa tal-ogħla importanza, biex jiġi żgurat li r-riżorsi jintużaw b'mod effikaċi għall-attivitajiet ta' rikostruzzjoni u għall-azzjonijiet l-oħra kollha meħtieġa;
 - 2. Jieħu nota tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017, kif imressaq mill-Kummissjoni;
 - 3. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2017;
 - 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jiddikjara li l-baġit emendatorju Nru 4/2017 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
 - 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill,

lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-parlamenti nazzjonali.

ANNES: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

Is-Sur Jean ARTHUIS
President
Kumitat għall-Baġits
Parlament Ewropew

Suġġett: **Il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Italja**

Għażiż Sur Arthuis,

Il-Kummissjoni Ewropea għaddiet lill-Parlament Ewropew il-proposta tagħha għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (COM(2017)0540), fuq il-bażi ta' applikazzjoni biex jiġi mobilizzat il-Fond ippreżentata mill-Italja wara serje ta' terremoti li seħħew bejn Awwissu 2016 u Jannar 2017 fir-reġjuni tal-Abruzzo, il-Lazio, il-Marche u l-Umbria.

Il-Kummissjoni tippromponi l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li tagħti stima tal-ħsarat ikkawżati mid-diżastri kif ġej:

| Diżastru | <i>Ħsara diretta totali</i> (f'miljuni ta' EUR) | <i>Il-limitu massimu għal diżastru maġġuri</i> (f'miljuni ta' EUR) | <i>2,5 % tal-ħsara diretta sal-limitu massimu</i> (f'miljuni ta' EUR) | <i>6 % tal-ħsara diretta 'l fuq mil-limitu massimu</i> (EUR) | <i>Ammont totali tal-ghajjnuna proposta</i> (EUR) |
|-----------------|--|---|--|---|--|
| L-ITALJA | 21 878,767 | 3 312,242 | 82 806 050 | 1 113 991 529 | 1 196 797 579 |
| TOTAL | | | | | 1 196 797 579 |

Meta jitqies l-ammont ta' EUR 30 000 000 li kienu diġà tħallsu għal dan il-każ tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) bħala ħlas bil-quddiem mill-baġit tal-2016, il-Kummissjoni tippromponi wkoll Abbozz ta' Baġit Emendatorju (ABE) Nru 4 għas-sena 2017 (COM(2017)0541 final) biex ikopri l-mobilizzazzjoni tal-FSUE proposta msemmija hawn fuq billi żżid l-artikolu tal-baġit 13 06 01 "Għajjnuna għall-Istati Membri fil-każ ta' diżastri naturali maġġuri b'riperkussjonijiet serji fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien, l-ambjent naturali jew l-ekonomija" b'EUR 1 166 797 579 kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

Il-koordinaturi tal-Kumitat ivvalutaw dawn il-proposti u talbuni niktiblek biex ninfurmak li l-maġġoranza tal-membri ta' dan il-Kumitat ma għandha l-ebda oġġezzjoni għal din il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex l-ammont imsemmi hawn fuq jiġi allokat kif propost mill-Kummissjoni, u tappoġġja l-korrispondenti ABE Nru 4/2017 kif propost mill-Kummissjoni.

Dejjem tiegħek,

Iskra MIHAYLOVA

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 30.8.2017 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 35 -: 1 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Jean Arthuis, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, Manuel dos Santos, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Urmas Paet, Pina Picierno, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Jordi Solé, Patricija Šulin, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Monika Vana, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Giovanni La Via, Tomáš Zdechovský |
| Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Fabio Massimo Castaldo |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| 35 | + |
|-----------|--|
| ALDE | Jean Arthuis, Gérard Deprez, Urmas Paet, |
| ECR | Richard Ashworth, Zbigniew Kuźmiuk, Bernd Kölmel, |
| EFDD | Fabio Massimo Castaldo |
| ENF | Marco Zanni, |
| GUE/NGL | Liadh Ní Riada, Younous Omarjee, |
| PPE | Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Monika Hohlmeier, Giovanni La Via, Siegfried Mureşan, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Patricija Šulin, Inese Vaidere, Tomáš Zdechovský, |
| S&D | Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Iris Hoffmann, John Howarth, Vladimír Maňka, Pina Picierno, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Manuel dos Santos, |
| VERTS/ALE | Jordi Solé, Indrek Tarand, Monika Vana, |

| 1 | - |
|----------|----------------|
| ENF | André Elissen, |

| 0 | 0 |
|----------|----------|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni